

# News Releases



## Id-Demografija tan-Negozji: 2022

NR139/2023 Data tal-Ħruġ: 02 ta' Awwissu 2023 Data tal-Għeluq: 11 ta' Lulju 2023

*Fl-2022, kien hawn 58,386 negozju attiv f'Malta.*



Ċifri proviżorji għall-2022 juru li f'Malta kien hawn 58,386 negozju attiv, żieda ta' 2.2 fil-mija, jew 1,253 negozju attiv, meta mqabbel mal-2021.

Is-settur tal-Bejgħ bl-ingrossa, bl-imnut u t-tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi (Taqsima tan-NACE G) kien responsabbli għal 17.7 fil-mija tan-negozji attivi; l-Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi (Taqsima tan-NACE M) kienu responsabbli għal 13.6 fil-mija, filwaqt li l-Kostruzzjoni (Taqsima tan-NACE F) kienet responsabbli għal 9.8 fil-mija (Tabella nru 1).

Meta mqabbel mas-sitwazzjoni fis-sena ta qabel, in-negozji żgħar ħafna (micro) li jħaddmu sa disgħa persuni żdiedu bi 2.0 fil-mija, filwaqt li n-negozji ż-żgħar li jħaddmu bejn 10 u 49 persuna, żdiedu b'5.0 fil-mija.  In-negozji ta' daqs medju li jħaddmu bejn 50 u 249 persuna żdiedu b'4.9 fil-mija. In-negozji li jħaddmu 250 persuna u aktar żdiedu bi 11.5 fil-mija (Ċart nru 1, Tabella nru 1).

### Ċart nru 1. In-negozji attivi maqsumin bl-għadd ta' nies li jħaddmu




Fl-2022, 69.1 fil-mija tan-negozji attivi kienu ta' persuni jaħdmu għal rashom u bi sħubija, 28.6 fil-mija kienu kumpaniji privati (Ltd jew Plc), filwaqt li 2.3 fil-mija kienu organizzazzjonijiet mhux għall-qligħ, koperattivi, korporazzjonijiet, frieġħi jew impriżi konġunti (Ċart nru 2, Tabella nru 2).

Ċifri proviżorji juru li dawk li jħaddmu kienu jilħqu l-20,033 f'Malta fl-2022, żieda ta' 5.5 fil-mija fuq is-sena ta' qabel (Tabelli nri 3 u 4).  Fl-2022, 56.0 fil-mija ta' dawk li jħaddmu kienu kumpaniji b'responsabbiltà limitata jew kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata, filwaqt li 41.0 fil-mija kienu persuni li jaħdmu għal rashom u bi sħubija (Ċart nru 3).

### Ċart nru 2. In-negozji attivi bit-tip ta' organizzazzjoni




### Ċart nru 3. Min iħaddem bit-tip ta' organizzazzjoni

